**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 97/97

Paul Mizzi
vs
Direttur Generali tal-Qorti, u b'digriet tat-2 ta' Novembru, 1997 gie kjamat fil-kawza d-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

Illum 14 ta` Frar, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' 1994 huwa sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti huma li huwa ilu jahdem mal-gvern ghal dan l-ahhar 28 sena u jokkupa l-kariga ta' "officer-in-charge" minor staff f'liema perjodu huwa dejjem ghamel xogholu tajjeb b'rakkomandazzjonijiet mis-superjuri tieghu.

Illi mill-1987 wara li telgha l-gvern Nazzjonalista propju wara Mejju 1987 huwa qala erba' transfers u spicca jahdem il-qorti.

Illi fl-1994 meta hargu l-promozzjonijiet ghall-chief Messenger huwa gie mheggeg mill-Magistrat Dr. Lofaro LL.D. biex japplika minhabba l-kompetenza tieghu wkoll ghaliex kien jimmeritah din il-promozzjoni, illi wara l-interviews huwa gie mwahhal u dan minhabba t-twemmin tieghu politiku.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda ndikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoniji ta' Ingustizzji u li jinghata r-rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta' "chief messenger" mill-1994 bl-arretrat b'kollox u jien inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas lilu l-kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-qrati li eccepixxa:

Illi r-rikorrent qed jilmenta minn nuqqas ta' ghoti ta' promozzjoni fil-grad ta' Chief Messenger.

Illi l-promozzjonijiet ghal Chief Messenger ma jsirux mid-Direttur Generali tal-Qrati imma mill-ufficcju tal-Prim Ministru.

Illi d-Direttur Generali tal-Qrati ma kienx bl-ebda mod involut fl-ipprocessar tal-applikazzjonijiet tal-kandidati ghal post ta' Chief Messenger u lanqas ma kien fuq il-Bord ta' l-ghazla u wisq anqas innomina jew issuggerixxa l-membri ta' l-imsemmi Bord.

Ghaldaqstant l-intimat Direttur Generali tal-Qrati talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li d-Direttur Generali mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali, Management and Personnel Office li eccepixxa:

Illi d-Direttur Generali ***Management and Personnel Office*** fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' l-ilment stante li hatriet f'din il-kariga jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza jekk kemm il-darba dan huwa permess mill-istess Att Numru VIII ta' l-1997 u mill-Kostituzzjoni.

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors ghandu dan li gej xi jghid:

Illi permezz ta' ***OPM Circular No 55/93*** kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet vakanti fil-grad ta' ***Messenger III.*** Illi s-sejha kienet saret fit-2 ta' Lulju 1993 u l-intervisti saru f'Jannar u Frar 1994;

Illi ghal din is-sejha setghu japplikaw dawk li kienu fil-grad ta' Messenger II u fil-fatt applikaw 235 persuna;

Illi r-rikorrent applika, ghamel l-intervista, gab 228 marki minn total ta' 400 u gie fil-103 post ***fl-order of merit***.

Illi l-anzjanita' ghalkemm wiehed mill-kriterji li fuqhom mexa l-Bord ta' l-Ghazla ma kienx il-kriterju ewlieni.

Illi ghalkemm ir-rikorrent ghadda mill-intervista, dan fih innifsu ma ntitolahx ghall-hatra awtomatika izda din kienet soggetta ghall-vakanzi li nholqu matul is-sentejn li fihom ir-rizultat baqa' validu.

Illi l-Bord ta' Ghazla twaqqaf skond ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mexa skond il-proceduri u r-regolamenti ta' l-istess Kummissjoni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrent bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra li dan it-Tribunal fit-2 ta' Marzu 1998 cahad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Management and Personnel. Din kienet bazata fuq d-decizzjoni ta' dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju 1998.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn iddikjara li l-promozzjoni ta' messenger III li nghatat erba' snin ilu u li ma nghatatx lilu kienet ingusta nghatat wkoll lill-persuni li kienu fl-istaff list warajh u wkoll meta hu kien kompetenti ghal din il-kariga.

Minn dak iz-zmien 'l hawn ghadu minghajr din il-promozzjoni ta' messenger III minor staff.

Ikkonferma li kien applika ghall-post ta' Messanger Grad III u fl-interviews tpogga l-103. Ir-rizultat kellu validita' ta' sentejn.

Xehed Norman Worley is-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li semma r-rikorrent kien gab total ta` marki ta' 228 marka fuq total ta` 400 marka; fuq educational attainment 45 minn 80, fuq work experience 12 minn 20, fuq skills 12 minn 20, fuq leadership 26 minn 40, fuq motivation 25 minn 40, fuq emotional stability 20 minn 40, fuq personality 20 minn 40, fuq seniority 20 minn 40, fuq communication 25 minn 40, fuq

reasoning ability 23 minn 40. Hu kien gie klassifikat il-103. Il-membri tal-bord kienu Charles Saliba, Joseph Brincat u Joseph Delicata. Is-selection board huwa parti mill-PSC u ghandhom l-istess regoli ta` kunfidenzjalita`.

Vincent Piccinino li ghandu l-kariga ta' officer in grade 5 fl-Ufficcju tal-Prim Ministru Management and Personnel Office xehed li dwar il-post ta` messenger III kien gie pubblikat ir-rizultat fit-18 ta` April, 1994 u dan kellu validita` ta' sentejn. Il-complement inzamm u fil-fatt kien hemm erbgha` batches matul il-perjodu li kienu saru u dana saz-zmien li kien validu r-rapport u cioe` sas-17 ta` April, 1996.

Qal: "Dawn kellhom isiru 60% "by seniority" u 40% "by selection" u infatti saru san-numru 24 "by seniority" u san-numru 21"by selection". L-ahhar wiehed kien Saviour Fenech li kien in-numru 24 ta' dawk "by selection". Dawk it-tlieta l-ohra li ma sarux ikun gara xi haga, jew mietu, jew ma lahqux jew gara xi haga ohra u allura ma jkunux fil-fatt intqiesu."

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal hawn bil-fors ikollu jaghmel evalwazzjoni jekk il-marki allokati lir-rikorrent kienux verosimili jew kawza ta' xi zball. Naturalmemnt il-President tat-Tribunal ma kienx prezenti, pero' l-iskop tal-ligi kienet li jekk it-Tribunal jhoss li saret ingustizzja dan ghandu l-obbligu li jirrimedja. Huwa minn banda ferm aktar facli ghat-Tribunal li jaghmel evalwazzjoni tajba ghax it-Tribunal jkollu persuna wahda x'jezamina bir-reqqa kollha u mhux mijiet kif ikollhom l-ezaminaturi.

Issa r-rikorrent skond is-sur Worley gab dawn il-marki:
educational attainment 45 minn 80
work experience 12 minn 20
skills 12 minn 20
leadership 26 minn 40
motivation 25 minn 40
emotional stability 20 minn 40
personality 20 minn 40
seniority 20 minn 40
communication 25 minn 40
reasoning ability 23 minn 40
Hu kien gie klassifikat il-103.

Daqqa ta' ghajn generali malajr iggieghel lill-gudikant jinduna li hemm allokazzjoni zbaljata tal-marki ghax zgur li ma jaqblux ma' dak li jsarraf ir-rikorrent liema evalwazzjoni setghat facilment issir mit-Tribunal fil-kors tal-kawza u hawn jinghad li f'din il-kawza it-Tribunal setgha forsi ghaggel aktar pero' minhabba n-natura tal-kaz ried josserva sewwa il-komportament generali tar-rikorrent biex ikun jista' jirrievaluwa xi whud mill-aspetti msemmija hawn fuq.

Dwar personality ir-rikorrent inghata 20 minn 40. Din bil-fors li hemm xi zball meta tnizzlu l-marki ghax kulhadd jista' jara li ghal grad li qed nitkellmu fuqu l-personalita' tar-rikorrent hija outstanding b'mod li marka taht il-35 hija certament baxxa. L-istess jinghad dwar emotinal stability li inghata 20 minn 40. Hawn ukoll jinghad jew wiehed joqghod jaghmel hafna klassifikazzjonijiet ghall-gost jew altrimenti hu

importanti li wiehed ikollu hin sufficjenti biex japprezza sewwa dawn il-marki. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrent setgha qatt jinghat anqas minn 30 marka. Probabilment kellhom tant interviews x'jaghmlu li dan l-apprezzament ma setghax jigi evalwat sewwa.

F'leadership u motivation inghata 26 u 25 marki rispettivament minn 40. Hawn ukoll it-Tribunal ihoss li l-apprezzament ma sarx tajjeb. Ir-rikorrent huwa bniedem ferm motivat. Certament li marka bhal 33 kienet tkun ferm aktar tajba. L-istess dwar leadership. Hawn qedghin nitkellmu dwar leadership qualities mhux tal-President tal-Amerika izda dwar dawk ta' Messanger III. Ir-rikorrent zgur li kien haqqu xi 33 marka wkoll.

Dawn wehedhom gja jghollu l-marka finali b'erbghin marka. It-Tribunal ma jhossx il-bzonn li jibqa' jezamina l-aspetti l-ohra kollha. Hu car li r-rikorrent kien haqqu l-promozzjoni. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati.

Peress li l-ilment tar-rikorrent jidher gustifikat, it-Tribunal jirrikmanda rimedju kumpensattiv billi r-rikorrent jinghata l-grad ta' Messanger III mid-data li fiha inghataw l-kariga l-applikanti l-ohra, li jkollu is-seniority tieghu bazata fuq dan l-appointment, u li jithallas tad-differenza tal-paga.

Spejjez kontra l-intimati.